MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 73/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Owen Sciberras (K.I. numru 161275 (M))**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur Bank of Valletta p.l.c. ippremetta:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 19 ta' Mejju 2003, in atti Nutar Dottor Edward Flores (Dok 'A') u permezz ta' zewg skritturi privati datati wahda minnhom fis-16 t'Awwissu 2007 (Dok 'B') u l-ohra datata 12 ta' Marzu 2009 (Dok 'C') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Owen Sciberras.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Owen Sciberras fis-somma ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u disghin euro u erba' centenzmi (€74,590.04), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Owen Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok, "D 1 sa D7", Dok "E1 sa E7", "F1 sa F7", Dok "G1 sa G7" u Dok "H1 sa H12"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Settembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Owen Sciberras

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Owen Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Gunju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok "I", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jigi dikjarat u deciz li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u disghin euro u erba' centezmi (€74,590.04) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Owen Sciberras mal-Bank attur flimkien ma' l-imghax ulterjuri milt-28 ta' Settembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Gunju, 2011, kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut tat-23 ta’ April 2012 (fol.70) li biha l-istess konvenut ammetta t-talbiet attrici.

Ghalhekk fuq l-ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li sehhet xi wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati esibiti u konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta’ erbgha u sebghin elf, hames mija u disghin euro u erba’ centezmi (€74,590.04) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tal-konvenut mal-istess Bank attur u dana flimkien ma’ l-imghax ulterjuri milt-28 ta’ Settembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------